Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,757, 24 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 499 tal-2021

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
(KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, u bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Kummerċ u l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 117.41.
L.S. 549.140.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "għandhom jiġu pprojbiti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jiġi pprojbit:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda d-distribuzzjoni, konsum jew użu tul attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk ikun mingħajr ħlas, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima A tal-Iskeda u ta' prodotti magħmula mill-plastik ossodegradabbli għandu jiġi pprojbit.".